Nru. 618

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li s-siti li ġejjin, jiġifieri:–

Ħajt tas-Sejjiegħ u Siġar taż-Żebbuġ
maġenb Triq il-Kbira
Ħal Balzan

(ara l-pjanta f'paġna 4835) jistgħu jkunu ta' importanza f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntest viżwali ta' l-*Area* ta' Konservazzjoni Urbana tat-Tlett Irħula ħekk li għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-siti msemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward is-siti msemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Ħajt tas-Sejjiegħ u s-Siġar taż-Żebbuġ, għandhom jitqiesu bħala siti ta' Grad 2, skond il-*Policies UCO* 7 u RCO 33 tal-Pjan ta' Struttura, u skond l-importanza li jiġu mogħtija f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntest viżwali ta' l-*Area* għall-Konservazzjoni Urbana tat-Tlett Irħula.

(ii) L-ebda tibdil ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija siti.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq is-siti msemmija li jistgħu jkunu bil-permess għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-siti jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-22 ta' Awissu, 1997

No. 618

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following sites, namely:–

Rubble Wall and Olive Trees
off Triq il-Kbira
Balzan

(see plan on page 4835) could be of importance to the setting of the Tree Villages Urban Conservation Area such that they should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the sites in question may be in danger of being demolished, damagedor destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the aforementioned sites in accordance with section 47 of the Development Planning Act, 1992.

(i) The Rubble Wall and Olive Trees are to be considered as Grade 2 scheduled sites as per Structure Plan Policies UCO 7 and RCO 33 by virtue of their value in terms of the setting of the Three Villages Urban Conservation Area.


(ii) No alterations will be permitted to any part of the aforementioned sites.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above sites, which might be permissable, must be approved in advance by the Planning Authority in consulation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the sites are demolished or altered in contravention of this Order, the Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

22nd August, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E50111, N72950 Max E502801, N731361

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order:
Rubble Wall & Olive Grove,
Balzan

Ref No. :- GF 353/97

RUBBLE WALL

OLIVE GROVE

DESIGNATED URBAN CONSERVATION AREA BOUNDARY